QALA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

## IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 41

Il-Hamis 17 ta' Jannar 2019

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` b'urgenza fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:00 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg - Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

QALA

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

## 41.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

41.1.1 Ma kien hemm ebda ittra tal-apologiji.

## 41.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku.

41.2.1 Saret referenza ghall-ittra li giet mibghuta minn Lionel Gerada *Head of Department – Events, Operations and Special Projects* fi hdan il-*Malta Tourism Authority* dwar attivita` li jixtiequ jorganizzaw fl-14 u l-15 ta' Gunju 2019 fuq il-moll ta' Hondoq ir-Rummien. Il-Kunsill ma kienx sab oggezzjoni ghal dan pero gie deciz li ghandha jsir laqgha maghhom sabiex jigi diskuss ezattament x'ser tkun tikkonsisti din l-attivita`.

41.2.2 Ittra mibghuta minn Dr Aaron Attard Hili LL.D. M.Jur Assistent Gudizzjarju fil-Qorti tal-Magistrati Ghawdex dwar l-atti tar-Rikors nru: 2/2018 fejn il-Kunsill gie infomat li sejra ssir seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju fil-kawza fl-ismijiet premessi nhar it-30 ta' Jannar 2019 fil-12:30 ta' wara nofsinhar, fil-Qorti tal-Magistrati Ghawdex.

41.2.3 Ittra mibghuta minn Dorianne Ciantar Segretarja Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar dwar avviz tas-Smiegh dwar appell nru 00222/16 li ser isir nhar it-Tlieta 29 ta' Jannar 2019 fis-2:00 ta' wara nofsinhar, fil-*board room* tat-Tribunal.

41.2.4 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lic-*Chairman* CEO Richard Bilocca tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma fejn gie informat li l-Kunsill iddecida li fil-*management board* tal-progett propost bl-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA/00937/17 u PA/05592/17 fid-*desalination plant* f'Hondoq ir-Rummien, ghandu jkun hemm bhala rapprezentanti mill-Kunsill s-Sindku Paul Buttigieg u l-Kunsillier Paul Buttigieg. Il-Kunsill talab ukoll sabiex jinghata kopja tal-permess li nhareg tal-applikazzjoni bin-numu PA /05592/17.

## 41.3 Twegibijiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

41.3.1 Il-Kunsillier Karl Buttigieg ssuggerixxa li ghandhom jingabu l-gwardjani lokali fi Triq il-Wileg sabiex jaraw li it-trukkijiet ma jghaddux kontra l-*one way* ghat-trukkijiet. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 41.4 L-applikazzjoni ghal fondi mill-Unjoni Ewropea tal-programm *Europe for Citizens* ghall-Konferenzi Internazzjonali.

41.4.1 Ghal din il-parti tal-laqgha s-Sindku stieden lil Josef Farrugia. Is-Sur Farrugia tkellem dwar il-*procurement* tal-Kunsilli Lokali. Huwa semma li hemm *Direct Order Request Form* li tista` tigi uzatha ghas-servizzi ta' *Administrator and Coordinator* u *Consultant* u *Project* Manager ghal progett *E-CULTS – European for citizens for CULTure and Solidarity – Europe for Citizens.* Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li rcieviet kopji tal-ftehim *draft* ta' dawn is-servizzi. Hija semmiet li peress li l-ammont tas-servizz ta' *Administrator and Coordinator* mhux ser jinqabez

il-€5,000 il-Kunsill jista` jitlob tlett stimi filwaqt li peress li l-ammont tas-servizz ta' *Consultant* u *Project Manager* ser jaqbez €5,000 il-Kunsill irrid johrog sejha ghall-kwotazzjonijiet permezz tal-*Government's e-Procurement Platform* (EPPS). Hija semmiet ukoll li skond MFIN No 3/2013 – *Public Procurement Regulations – Direct Orders* hemm miktub li *requests for direct orders are to be submitted before any commitment is entered into.*

41.4.2 Is-Sindku semma li huwa kkonsulta mal-President tal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali Mario Fava fejn huwa qal li s-Sur Fava informah li bhala Kunsill nistghu nuzaw id-*Direct Order Request Form*. Is-Segretarja ssuggerit li ghandu jintalab parir minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li l-Assocjazzjoni hija assocjazzjoni u li d-Dipartiment ghall-Gvern Lokali hu Dipartiment tal-Gvern u parir minghand il-Gvern irridu nitolbuh. Huwa semma wkoll li jekk jigu xi awdituri dawn lid-Dipartiment jafu u mhux lill-Assocjazzjoni.

41.4.3 Il-Kunsill ghalhekk iddecida li ghandu jitlob parir minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar jekk il-Kunsill jistax juza id-*Direct Order Request Form* ghal dawn iz-zewg servizzi imsemmija b'urgenza peress li ma tantx baqa zmien sabiex tigi organizzatha l-ewwel konferenza.

## 41.5 Mozzjonijiet.

41.5.1 Ma tressqu ebda mozzjonijiet.

## 41.6 Tmiem il-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

41.6.1 Il-laqgha ntemmet fis-7:00 ta' filghaxija u giet aggornata ghal nhar il-Gimgha 8 ta' Frar 2019.

Ikkonfermati, illum il-Gimgha 15 ta' Marzu 2019.

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |